MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1356/2002

**Charles Borg u martu Mary Borg.**

**-vs-**

**Emanuel sive Noel Borg u martu Maria Therese Borg, Michael Borg u martu Mary Rose Borg u ghal kull interess li jista jkun hemm is-socjeta' 'Hudson – Alfred C. Borg & Sons Limited'.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta’ disa t’ elef disa mija u tmienja u sittin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm9,968.90) bilanc minn somma akbar, rappresentanti pagamenti li ghandhom jithallsu lill-atturi ghall-ishma taghhom u ghall-konsulenza taghhom fis-socjeta’ Hudson – Alfred C. Borg & Sons Limited u dana skond l-anness dokument A.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta’ Malta peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenut m’ ghandhomx eccezzjonijiet x’ jaghtu ghat-talba ta’ l-istess atturi.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ disat elef disa mija u tmienja u sittin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm9,968.90) rappresentanti l-ishma tal-atturi fis-socjeta’ Alfred C. Borg & Sons Limited u ghall-konsulenza taghhom fl-istess socjeta’.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali skond il-ligi dekorribbli mid-data ta’ kull skadenza skond il-ftehim hawn anness u mmarkat bhala dokument A, kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitamenti notifikati naqsu illi jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat in-noti ta’ riduzzjoni ta’ l-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li xehdet l-attrici illi ukoll irrinunzjat ghat-talba taghha u tal-attur zewgha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Billi ghalhekk it-talba tal-atturi mhijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa’ t-talba tal-atturi kif ridotta.**

**Tikkundanna lill-konvenuti, eccetto s-socjeta’ konvenut, ihallsu lill-atturi s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u erbgha u tmenin Lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,984.45) bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------